# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Seduta tas-7 ta' Mejju, 2019.**

**Rikors Ġuramentat Nru 1084/18GM**

Liquigas Malta Limited

-vs-

Prime Aluminium Ltd

Il-Qorti,

Rat it-Talba Maħlufa tar-rikorrenti ppreżentata fil-11 ta' Jannar 2018 fejn abbażi tas-segwenti raġunijiet:

1. Illi s-soċjeta` attriċi tippresta servizzi diversi b'rabta mal-fornitura ta' tipi differenti ta' gass, fosthom gas tat-tip LPG, f'Malta u għal dan il-għan hija wkoll tipprovdi s-servizz ta' installazzjoni ta' apparat li jippermetti l-ħażna u l–tal-gass minnha fornit;

2. Illi fit-13 ta' Jannar, 2016 is-soċjeta`' attriċi ffirmat ftehim intestat "Supply of LPG in Bulk" mas-soċjeta`' Dolphin Industrial Services Ltd (C-28232) ta' Metalfit Building, Attard Industrial Estate, Attard, fejn f'dan f'dan il-ftehim is-soċjeta`' msemmija Dolphin Industrial Services Ltd. obbligat ruħha li tixtri minn tal-inqas 50 tunnellata gass (korrispondenti għal 100,000 litru) fis-sena mill-1 ta' Frar 2016, u li s-soċjeta` attriċi tista' timponi penali ta' €0.01ċ għal kull litru li s-soċjeta` Dolphin Industrial Services Ltd. ma tixtrix mingħandha, u dan kif jirriżulta mill-ftehim hawn anness u mmarkat dok "A";

3. Illi l-għada ta' dan il-ftehim, ċioe' fl-14 ta' Jannar 2016, is-soċjeta` attriċi ffirmat ftehim intestat "Bulk Agreement" mas-soċjeta`' Dolphin Industrial Services Ltd u dan sabiex jiġi installat l-apparat tal-ħżin tal-gass tat-tip LPG fis-sit tagħhom ġewwa KW38, Corradino Industrial Estate, Paola, liema apparat huwa intiż sabiex iwassal il-gass kull fejn hemm bżonn, kif ukoll għall-fornitura tal-gass tat-tip LPG fuq perjodu minimum ta' sitt (6) snin, u dan skond kif fthiem fil-ġurnata ta' qabel. Kopja ta' dan il-Ftehim qed jiġi hawn anness u mmarkat dok "B";

4. Illi fl-20 ta' Jannar 2016, is-soċjeta` msemmija Dolphin Industrial Services Ltd iffirmat kuntratt ta' assenjazzjoni tal-ftehim ta' "Bulk Agreement" mas-

soċjeta` konvenuta Prime Aluminium Ltd fejn fiha s-soċjeta` Dolphin Industrial Services Limited assenjat id-drittijiet u l-obbligi kollha emanenti mill-imsemmi ftehim sopra indikati lis-soċjeta` konvenuta, li aċċettat u assumiet l-obbligi kollha emanenti minn l-imsemmi ftehim. Illi l-ftehim ta' assenjazzjoni ta' drittijiet u obbligi qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala dok "Ċ";

5. Illi s-soċjeta` rikorrenti installat l-apparat meħtieġ fis-sit indikat mis-soċjeta` rikorrenti u bdiet bil-fornitura ta' gass lis-soċjeta` konvenuta skond kif mifthiem bejniethom;

6. Illi s-soċjeta` konvenuta, madanakollu, ma żammitx mal-obbligi minnha assunti fir-rigward tal-akkwist tal-ammont ta' gass u di fatti, minn ftit żmien wara li bdiet topera, is-soċjeta` konvenuta bdiet tixtri inqas gass minn dak pattwit. Di fatti, mill-ammont ta' 300,000 litru li kienet obbligata takkwista l-istess soċjeta` konvenuta għas-snin Jannar 2016 - Jannar 2017; Jannar 2017 - Jannar 2018 u Jannar 2018 - Jannar 2019, hija akkwistat biss 120,000 litru b'dan illi akkwistat 180,000 litru inqas minn dak pattwit. Illi skont il-penali ta' €0.01ċ għal kull litru mhux akkwistat, l-ammont dovut bħala penali huwa ta' €1,800;

7. Illi di piu`, is-soċjeta` konvenuta, bdiet ukoll taqa' lura fil-pagamenti għas-servizzi fornuti u wara djalogu li s-soċjeta` konvenuta kellha mas-soċjeta` attriċi, hija iffirmat "*Agreement on Repayment Plan*" fejn fih is-soċjeta` konvenuta ikkostitwixxiet lilha nnifisha bħala vera, ċerta u likwida debitriċi tas-soċjeta` rikorrenti fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf, sitt mija u erbgħa u tmenin Ewro u sittax-il ċenteżmu (€23,684.16) u obbligajt ruħha li tħallas is-somma ta' €2,626 bħala *lump sum payment* flimkien ma' sittax-il pagament mensili fl-ammont ta' €1,480.26 kull pagament, u dan kif jirriżulta mill-ftehim hawn anness u mmarkat bħala dok "D";

8. Illi s-soċjeta` konvenuta, minkejja li għamlet xi pagamenti *on account* waqgħet ' lura fil-pagamenti tant li sal-ġurnata tal-preżenti għad għandha bilanċ pendenti fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf, mitejn u tlett Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€22,203.91ċ) u dan kif jirriżulta mill-istatement of account hawn anness u mmarkat dok "E";

9. Illi minkejja li s-soċjeta` rikorrenti interpellat diversi drabi lis-soċjeta` konvenuta sabiex tonora l-pagament tal-bilanċ pendenti; s-soċjeta` konvenuta baqgħet inadempjenti u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-fatt jew fid-dritt;

10. Illi fil-25 ta' April 2018, is-soċjeta` attriċi interpellat lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas il-fatturi pendenti u fin-nuqqas, hija ser tieħu dawk il-passi skont il-liġi. Kopja ta' din l-ittra qed tiġi hawn annessa u mmarkata dok "F". Illi minkejja dina l-interpellazzjoni, is-soċjeta` konvenuta ma ressqitx lejn is-soċjeta` attriċi sabiex tirregola ruħha;

11. Illi b'hekk, is-soċjeta` attriċi m'għandha ebda triq oħra ħlief li tittermina l-imsemmi ftehim abbażi ta' inadempjenza tas-soċjeta` konvenuta. Illi b'din it-terminazzjoni, tidħol fis-seħħ ukoll il-klawsola numru 8.3 tal-Ftehim datat l-14 ta' Jannar 2016 fejn fiha is-soċjeta` konvenuta għandha tħallas il-valur deprezzat tal-apparat installat fis-sit tagħha KW38, Corradino Industrial Estate, Paola, liema depprezzament għandu jsir abbażi ta' 8% għal kull sena li ilu installat, u b'hekk il-valur attwali ta' dan l-apparat huwa ta' €15,200;

12. Illi b'hekk, is-soċjeta` konvenuta hija kredittriċi versu s-soċjeta` attriċi fl-ammont globali ta' disgħa u tletin elf, mitejn u tlett Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€39,203.91) rappreżentanti (i) s-somma ta' tnejn u għoxrin elf, mitejn u tlett Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€22,203.91ċ) bħala fornitura ta' gass tul dawn is-snin li ma ġietx debitament imħallsa mis-soċjeta` konvenuta; (ii) is-

somma ta' elf u tmien mitt Ewro (€1,800) rappreżentanti penali ta' ammonti ta' gass mhux meħuda u (iii) is-somma ta' ħmistax-il elf u mitejn Ewro (€15,200) rappreżentanti valur attwali tal-apparat għall-ħażna tal-gass installat fis-sit tas-soċjeta` konvenuta;

Talbet lil dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta Prime Aluminium Ltd (C-72869) assumiet l-obbligi kollha li kellha s-soċjeta` Dolphin Industrial Services Ltd versu s-soċjeta` attriċi Liquigas Malta Ltd;

2. Tiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta Prime Aluminium Ltd ma akkwistatx l-ammont ta' gass LPG kollu pattwit u rrendiet ruħha responsabbli għall-pagament tal-penali ta' €1,800 skont kif hawn fuq deskritt;

3. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta Prime Aluminium Ltd tħallas lis-soċjeta` attriċi Liquigas Malta Ltd is-somma ta' €1,800 rappreżentanti penali fuq ammonti ta' gass mhux akkwistati mingħandha;

4. Tiddikkjara illi s-soċjeta` konvenuta Prime Aluminium Ltd ma onoratx il-pagament tas-somma ta' €22,203.91ċ lis-soċjeta` Attrċi Liquigas Malta Ltd rappreżentanti fornitura ta' gass mogħtija lilha mis-soċjeta` attriċi u dan skont kif hawn fuq deskritt;

5. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta Prime Aluminium Ltd tħallas lis-soċjeta` attriċi Liquigas Malta Ltd is-somma ta' €22,203.91ċ rappreżentanti fornitura ta' gass mogħtija lilha mis-soċjeta` attriċi, liema ammont għadu dovut sal-ġurnata tal-preżenti;

6. Tiddikkjara illi l-ftehim iffirmat nhar l-14 ta' Jannar 2016 huwa terminat unikament minħabba l-aġir tas-soċjeta` konvenuta u li b'hekk għandha tidħol fis-seħħ il-klwasola numru 8.2 tal-imsemmi ftehim b'dan illi l-istess soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' €15,200;

7. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta Prime Aluminium Ltd tħallas lis-soċjeta` attriċi Liquigas Malta Ltd is-somma ta' €15,200 rappreżentanti il-valur attwali u deprezzat tal-apparat installat fis-sit tas-soċjeta` konvenuta ai termimin tal-ftehim datat l-14 ta' Jannar 2016;

1. Bl-ispejjez, inkluz tal-preżenti kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentati kontestwalment mar-Rikors Ġuramentat.

Rat il-verbal tal-4 t’April 2019 fejn il-Qorti ddikjarat is-soċjeta`’ konvenuta bħala kontumaċi.

Rat li fis-seduta tal-4 t’April 2019 awtorizzat lis-soċjeta`` konvenuta tressaq nota ta’ sottomissjonijiet fi żmien tmint ijiem iżda din baqgħet inadempjenti;

Rat d-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-każ;

Ikkunsidrat:-

Illi t-talbiet tas-soċjeta` attriċi jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati u kkonfermati bil-ġurament fir-Rikors Maħluf minn Stephen Muscat, rappreżentant tagħha;

**Decide:**

Għal dawn il-motivi il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-soċjeta` attriċi billi:

1. Tiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta Prime Aluminium Ltd (C-72869) assumiet l-obbligi kollha li kellha s-soċjeta` Dolphin Industrial Services Ltd versu s-soċjeta` attriċi Liquigas Malta Ltd;

2. Tiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta Prime Aluminium Ltd ma akkwistatx l-ammont ta' gass LPG kollu pattwit u rrendiet ruħha responsabbli għall-pagament tal-penali ta' €1,800 skont kif hawn fuq deskritt;

3. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta Prime Aluminium Ltd tħallas lis-soċjeta` attriċi Liquigas Malta Ltd is-somma ta' €1,800 rappreżentanti penali fuq ammonti ta' gass mhux akkwistati mingħandha;

4. Tiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta Prime Aluminium Ltd ma onoratx il-pagament tas-somma ta' €22,203.91ċ lis-soċjeta` Attriċi Liquigas Malta Ltd rappreżentanti fornitura ta' gass mogħtija lilha mis-soċjeta` attriċi u dan skont kif hawn fuq deskritt;

5. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta Prime Aluminium Ltd tħallas lis-soċjeta` attriċi Liquigas Malta Ltd is-somma ta' €22,203.91ċ rappreżentanti fornitura ta' gass mogħtija lilha mis-soċjeta` attriċi, liema ammont għadu dovut sal-ġurnata tal-preżenti;

6. Tiddikkjara illi l-ftehim iffirmat nhar l-14 ta' Jannar 2016 huwa terminat unikament minħabba l-aġir tas-soċjeta` konvenuta u li b'hekk għandha

tidħol fis-seħħ il-klwasola numru 8.2 tal-imsemmi ftehim b'dan illi l-istess soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' €15,200;

7. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta Prime Aluminium Ltd tħallas lis-soċjeta` attriċi Liquigas Malta Ltd is-somma ta' €15,200 rappreżentanti il-valur attwali u deprezzat tal-apparat installat fis-sit tas-soċjeta` konvenuta ai termini tal-ftehim datat l-14 ta' Jannar 2016;

2. Bl-ispejjez, inkluz tal-preżenti kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentati kontestwalment mar-Rikors Ġuramentat a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA